MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 279/2007

Il-Pulizija
(Spt. P. Grech)
Vs
Lorraine Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer mis-7 ta' Gunju, 2007, sad-9 ta' Lulju, 2007, naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D fid-digriet taghha ta' nhar it-2 ta' Dicembru, 2003, li bih tat il-helsien mill-arrest taht il-garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju, 2007, li biha, peress li l-prosekuzzjoni naqset li ggib il-provi biex turi li l-

kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u cioe' d-digriet tat-2 ta' Dicembru, 2003, baqghu ma nbidlux mid-data originali taghhom, ma sabitx lill-appellata hatja w illiberatha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w wara li tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni dwar il-kaz, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali huwa s-segwenti : Li l-Ewwel Qorti, meta lliberat lill-appellata mill-akkuza, qalet li l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-quddiem *"il-provi biex turi (li) l-kundizzjonijiet ghal-helsien mill-arrest u cioe' d' digriet tat-2 ta' Dicembru, 2003, baqghu ma nbidlux mid-data originali taghhom."* Tali konsiderazzjoni turi apprezzament ta' provi totalment u manifestament irragjonevoli w zbaljat. F' dan il-kaz, meta xehed l-Ispettur Pierre Grech, hu ddikjara li l-*bail conditions* li kienu ghadhom japplikaw ghall-Lorainne Vella kienu proprju dawk li huwa esebixxa kopja taghhom u cioe' dawk imposti fuqha bid-Digriet tat-2 ta' Dicembru, 2003. Terga' f' dan il-kaz il-process fejn Lorainne Vella qed tigi akkuzata jinsab ghand l-istess Magistrat fl-istadju tal-provi tad-difiza w, jekk stess kellu xi dubju, l-Magistrat seta' jivverifika mal-process li kellu f' idejh. L-Ewwel Qorti kienet ukoll irragjonevoli meta laqghet is-sottomissjonijiet tad-difiza minghajr ma d-difiza giet mitluba tissostanzja l-fatt li kien hemm xi digriet iehor li jvarja dak tat-2 ta' Dicembru, 2003. Il-fatt li Vella naqset li tobdi l-kondizzjonijiet imposti fuqha mhux biss tammonta ghall-akbar forma ta' disprezz tal-awtorita' tal-Qorti izda per di piu' jiddisturba l-bilanc mehtieg bejn l-interess tas-socjeta' li tittutela l-integrita' tal-procediment kontra persuna u d-dritt ta' dik l-istess persuna li ma tibqax taht arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra taghha.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li bih Dr. Giglio ghall-appellata eccepixxa n-nullita' tal-appell peress illi l-Avukat Generali ma kellux dritt ta' appell fuq kwistjoni t'apprezzament tal-fatti meta l-kaz jaqa' taht il-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w inoltre kif jidher fl-istess rikors tal-appellant, l-appell kien qed jigi bbazat fuq l-Artikolu 413(1)(c), li jaghti dritt ta' appell b'mod generali lill-Avukat Generali  fuq kawzi ohra li jkunu jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati tal-Magistrati.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali w anki dwar il-mertu tal-appell.

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti mertu tal-kawza.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-appellata huwa minnu li l-appellant Avukat Generali, minghajr ma kellu ghalfejn skond il-Ligi,  ddikjara li kien qed jintavola l-appell tieghu ai termini tal-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali.  Dan huwa manifestament zbaljat ghaliex il-piena kontemplata ghar-reat in dizamina hija wahda li tirrientra fil-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati tal-Magistrati w ghalhekk id-dritt t'appell tal-Avukat Generali huwa limitat ghall-kazijiet tassattivament elenkati fl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Huwa minnu wkoll li jissemma fir-rikors tal-appell illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ta' provi totalment u manifestament zbaljat u li kieku l-appell kien jirrigwarda biss l-apprezzament tal-provi s-sentenza ma kienitx tkun appellabbli.

Pero' f'dan il-kaz, din il-Qorti tifhem illi d-decizzjoni tal-Ewwel Qorti ma kienitx bazata fuq apprezzament tal-provi imma fuq enunzjazzjoni zbaljata ta' punt ta' dritt illi skond il-gurisprudenza dejjem gie ritenut li jaghti lok ghal appell da parti tal-istess Avukat Generali.

Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-appellata w issa se tghaddi biex tiddeciedi l-appell fil-mertu.

Ikkonsidrat,

Illi mill-provi jirrizulta li Lorainne Vella kienet inghatat il-liberta' provizorja b' Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Govanni Grixti) tat-2 ta' Dicembru, 2003 (fol.10) u fost dawn il-kondizzjonijiet kien hemm il-kondizzjoni numru (2) li tghid li Vella kellha tirraporta l-ghassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn toqghod  u cioe' l-Ghassa ta' Rahal Gdid kulljum  u li jekk ma tkunx tista' tirraporta kif fuq inghid, ghandha tibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih hi tkun obbligata li tirraporta. Jidher pero' li ghal xi raguni bejn is-6 ta' Gunju, 2007 sad-9 ta' Lulju, 2007, ma marritx tiffirma, kif jirrizulta mill-*"bail book"* tal-ghassa ta' Rahal Gdid. B' dan kollu l-Ewwel Qorti illiberatha ghax irriteniet li ma saritx il-prova mill-prosekuzzjoni li dawn il-kondizzjonijiet ma kienux gew mibdula bejn it-2 ta' Dicembru, 2003 u meta kien qed jixhed l-Ispettur quddiemha.

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan ir-ragunament u kif kellha gja okkazzjoni tiddeciedi fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Michel Abou Haidar"** [9.8.2007], din il-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti ma treggix.

**L-appellata** la xehedet u lanqas ressqet xhieda in difesa, pero' meta wiegbet ghall-unika domanda li rrispondiet fl-istqarrija taghha (fol.9) qalet testwalment hekk :-

*"Jiena nbaghti bir-romatoid artritis (Sic!), ghadni kemm kelli attakk taghha minn April li ghadda ghax kont qieghda programm kontra d-droga u sakemm kont qeghda hemm kienet gja qabditni l-infection, ghamilt diversi certifikati minn April sal-gurnata li semmejtli int, jigifieri sas-6 ta' Gunju, kont ikkuntattjajt ma' l-avukat tieghi Dr. Giglio biex nara nistax naghmel rikors biex ninforma lil Magistrat li mhux qed inkun tajba biex immur niffirma, ghax hafna drabi kont imur niffirma b' sieqi ffjamata u l-avukat qalli li*

*nista naghmel ir-rikors. Kont mort l-Ghassa ta' Rahal Gdid fis-6 ta' Gunju, 2007 u ghidtilhom li kien bi hsiebni naghmel dan ir-rikors u qaluli li l-ispettur tal-kaz tieghi Mr. Ciappara infurmat bis-sitwazzjoni u la darba kont ser naghmel ir-rikors, m'ghandix ghalfejn nohdilhom certifikat. .."*

B' dana kollu milli jidher ir-rikors baqa' ma sarx hlief l-ghada li l-appellata giet imressqa quddiem l-Ewwel Qorti w cioe' aktar minn xahar wara w sadattant l-appellata la hadet certifikati l-ghassa u lanqas marret tiffirma.

Ikkonsidrat;

Illi f' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti setghet remotament tillibera lill-appellata. Kellha ammissjoni skjaccanti da parti tal-istess appellata fl-istqarrija taghha fuq riprodotta li hi ma haditx certifikati medici l-ghassa wara s-6 ta' Gunju, 2007 u li ma marritx tiffirma l-ghassa ghax xi hadd qalilha li la ser taghmel rikors m' ghandhiex ghalfejn tohdilhom certifikati l-ghassa.

Inoltre mill-istess rikors intavolat mill-Avukat taghha Dr. Joseph Giglio li jgib id-data tat-12 ta' Lulju, 2007 (fol. 13) jidher implicitament carissimu li l-kundizzjoni li hija tiffirma l-ghassa **kulljum** kienet ghadha in vigore tant li l-istess appellata, wara li hi stess ippremettiet li "***fost il-kondizzjonijiet imposti fid-digriet relattiv ghal-ghoti tal-helsien mill-arrest hemm il-kundizzjoni li l-esponenti tifirma kulljum fl-ghassa tad-distrett",*** minnhabba r-ragunijiet hemm dedotti, talbet li l-Qorti tvarja d-Digriet tal-helsien mill-arrest billi tirriduci l-ammont ta' drabi meta hija kienet tenuta li tiffirma l-ghassa tad-distrett. (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi l-unika motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti biex tispjega d-decizjoni taghha kienet li kif tajjeb espona d-difensur tal-imputata, "*il-prosekuzzjoni naqset milli ggib prova biex turi li l-kundizzjonijiet ghal-helsien mill-arrest u cioe' d-digriet tat-2 ta'Dicembru, 2003 baqghu ma nbidlux mid-data originali taghhom. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dawk il-kondizzjonijiet kienu miksura ."*

Din il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma dan u tara li bl-esebizzjoni tad-Digriet originali, tat-2 ta' Dicembru, 2003 (fol.10), u, *multo magis*, bl-esebizzjoni tar-rikors ghall-varjzzjoni tat-12 ta' Lulju, 2007 (fol. 13), kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Grech u WPC Butters, il-Prosekuzzjoni altru milli ppruvat liema kien d-Digriet u l-kundizzjoni relattiva w rilevanti li del resto l-appellata fir-rikors taghha tat-12 ta' Lulju, 2007, accettat li kienet ghadha tapplika. Jekk ma kienx hemm Digrieti ohra, l-Prosekuzzjoni ma setghetx taghmel prova negattiva. Jekk id-difiza riedet tipprova li kien hemm xi digriet iehor li seta' jinfluwixxi fuq il-kwistjoni, dejjem setghet tressaq prova ta' dan imma minn dan ma ghamlet xejn. Ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li bbazat il-motivazzjoni taghha biss fuq kongettura mressqa mid-difiza w xejn aktar. Kif gja rriteniet fil-kawza ta' **Haidar** fuq citata, dan manifestament jirrendi l-apprezzament tal-fatti bazat fuq punt ta’ dritt erronju maghmul mill-Ewwel Qorti zbaljat u ghalhekk din il-Qorti tara li l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh bhala pjenament fondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li tirrespingi l-pregudizzjali tal-inappellabilita’ sollevata mill-appellata, qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w wara li rat l-artikolu 579 (1) (2) u (3) tal-Kap.9, issib lill-appellata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha w tikkunndannaha mitt lira Maltin (LM100) multa, li jekk ma jithallsux minnufieh jigu awtomatikament konvertiti f' ghoxrin (20) jum prigunerija skond il-ligi. Stante c-cirkostanzi pero' din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tordna r-riarrest tal-appellata u li s-somma depozitata minnha bhala garanzija f' dan il-kaz tintilef u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------